MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 1903/2002/1

**Philip Ellul**

**vs**

**Peter Galea**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Dicembru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm105 (mija u hames liri Maltin) somma dovuta lill-attur ghal danni konseguiti fil-vettura tieghu.

Ra r-rikors tal-konvenut u r-risposta attrici u d-digriet datat 24 t'Ottubru 2002 li biha cahad it-talba tal-konvenut ghal gustifikazzjoni tal-kontumacja.

It-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm105 (mija u hames liri Maltin), bl-ispejjez u bl-interessi legali."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma segwiex id-dettam ta' l-Artikolu 13 ta' l-Att V ta' l-1995.

Ezami anke superficjali tal-process jidher li jsostni dan l-aggravju.

Wara l-introduzzjoni taghha fit-8 ta' Awissu 2002 il-kawza giet appuntata l-ewwel darba ghas-smiegh ghas-seduta tat-30 ta' Settembru 2002. F'din id-data l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2002. Dakinhar is-sentenza ma nghatatx ghar-raguni illi, kif jinghad fil-verbal, il-process ma kienx ghad-disposizzjoni tal-Qorti. Invece s-sentenza nghatat fit-3 ta' Dicembru 2002.

Irid jinghad illi fl-intervall bejn l-introduzzjoni taghha u d-decizjoni tentativ tal-appellant biex il-prolazzjoni tas-sentenza tigi sospiza ma rceviex akkoljiment mit-Tribunal ghal motiv ta' opposizzjoni mill-attur appellat.

L-Artikolu 13 tal-Kap 380 jiddisponi illi "jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smiegh tal-kawza, il-Gudikatur ghandu jiddiferixxi l-kawza ghal data ohra u jekk f'dik id-data ohra … … il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur ghandu jisma' u jaqta' l-kawza fl-assenza tal-konvenut" (sub-paragrafu (b)).

Il-precitat dispost tal-ligi gie hekk imfisser fis-sentenza fl-ismijiet "**Emanuel Caruana nomine -vs- Elaine Cachia**", Appell, 22 ta' Novembru 1996:

“Hu car li l-ligi trid li l-kontumacja tal-konvenuta kellha tigi determinata jekk din tonqos li tidher darbtejn f’zewg seduti stabbiliti mit-Tribunal. Dan ghal seduti li bihom il-konvenuta kienet taf ghax mgharrfa bihom jew kien messha taf bihom kieku segwiet il-proceduri. Hu biss f’dawn ic-cirkostanzi li l-ligi tqis li l-konvenut ikun hati ta’ dik il-kontumelja lejn is-sejha tat-Tribunal biex jidher quddiemu halli jikkontesta l-kawza u li tiggustifika li l-kawza tigi mismugha u deciza fl-assenza tieghu.”

Bhal f’dak il-kaz anke hawn ma jidherx li t-Tribunal segwa ‘alla lettera’ d-dettami precizi tal-ligi u tal-procedura stabbilita fl-artikolu kontemplat. Is-sentenza appellata ghandha allura tigi annullata. Dan anke ghaliex il-konvenut, gjaladarba l-ligi ma gietx ukoll strettament segwita, ghandu jinghata l-opportunita jiddefendi kif jixraq il-kaz tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa’ dan l-appell u tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal nulla u bla effett. Tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal biex il-kaz jigi trattat u definit skond kif provvdut fl-Att V ta’ l-1995 (Kap 380).

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------